**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 9 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 112/19 AGV**

**AB**
**Vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-10 ta' Gunju, 1999 (ara Dok. A anness) gewwa r-Registru Pubbliku u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild u cioe' ED li twieled nhar it-28 ta' Settembru, 2009.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Francesca Portelli mill-10 ta' Novembru, 2016 (ara Dok. B anness).

3. Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok.B, klawsola2) taht it-titolu "manteniment"), il-komparenti CD intrabat illi jhallas manteniment ghall-minuri u ghall-komparenti martu AB liema manteniment dejjem thallas u m'hemmx pendenzi u pretenzjonijiet dwaru.

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati *de facto* sa mill-elfejn u hdax hekk kif dikjarat fi klawsola 17 tal-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok. B anness) u ghaldaqstant iktar minn erba' snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat m'opponix ghat-talba ta' divorzju u kkonferma li ilhom separati mis-sena 2010.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom separati permezz ta’ kuntratt redatt quddiem in-Nutar Francesca Portelli fl-10 ta’ Novembru, 2016, pero’ kienu ilhom *de facto* separati sa mis-sena 2011 kif jirrizulta f’klawsola 17 tal-kuntratt ta’ separazzjoni.

Jikkonfermaw li m’ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li lanqas ghandhom pendenzi ghall-manteniment lejn it-tifel minuri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**